b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment

każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

1.2 Ikunu kapaċi jikkomunikaw kemm b'mod verbali u bil-kitba bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

1.3 Ikollhom degree ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu (ECTS/ECVET), jew ekwivalenti*) fil-Project Management jew Management Studies jew European Studies jew Business Administration jew Accountancy jew Creativity and Innovation jew Quality Assurance Management u mhux anqas minn tliet (3) snin esperjenza f'kariga maniġerjali;

JEW

1.4 Ikollhom kwalifika rikonoxxuta professjonali komparabbli f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu (ECTS/ECVET), jew ekwivalenti*) u mhux anqas minn tliet (3) snin esperjenza f'kariga maniġerjali;

JEW

1.5 Ikollhom prova ta' mhux anqas minn sitt (6) snin esperjenza f'kariga maniġerjali.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti (ECTS/ECVET) jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 180 krettu (ECTS/ECVET), Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

1.6 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, basta jkunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Master f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu (ECTS/ECVET) jew ekwivalenti*.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti (ECTS/ECVET) jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 60 krettu (ECTS/ECVET). Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

1.7 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornata u maħruġa mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

1.2 Must be proficient and able to communicate effectively both verbally and in writing in the Maltese and English languages;

1.3 in possession of a recognised Bachelor degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Project Management or Management Studies or European Studies or Business Administration or Accountancy or Creativity and Innovation or Quality Assurance Management and proven managerial experience of at least three (3) years;

OR

1.4 in possession of a recognised comparable professional qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) and proven managerial experience of at least three (3) years;

OR

1.5 in possession of a proven managerial experience of at least six (6) years.

* In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 180 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

1.6 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Master qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent*.

*In absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

1.7 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce an updated Service and Leave Record Form (GP 47) issued not earlier than one (1) month from date of application; those applying from outside the Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

2. Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

2.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. Kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta fl-indirizz elettroniku (permsec.mivc@gov.mt), u d-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

3. Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

3.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi permezz ta' ittra elettronika lil (permsec.mivc@gov.mt) u għandha tinkludi Curriculum Vitae (li għandha tinkludi lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a), kif ukoll il-kondotta tal-pulizija jew Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornata, maħruġa mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, fil-format PDF.

3.2 Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Settembru fis-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew). Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

3.3 L-applikazzjonijiet mhux kompluti u /jew li jaslu tard, mhux se jiġu kkunsidrati. L-applikanti li jitqiesu ineliġibbli skont it-termini ta' din is-sejħa se jiġu infurmati kif xieraq.

3.4 L-applikanti huma mfakkra li hija r-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw li d-dettalji tal-applikazzjoni tagħhom ikunu kompluti u korretti, kif ukoll li s-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni kollha meħtieġa ssir strettament sal-iskadenza ta' din is-sejħa.

4. Proċeduri tal-Għażla

4.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

4.2 L-applikanti kollha jkunu eventwalment mgħarrfa bl-eżitu tal-proċess ladarba l-pożizzjoni timtela.

It-22 ta' Awwissu, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi u Dgħajjes li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att

2. Submission of Documentation

2.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through email (permsec.mivc@gov.mt) and original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview. Qualifications and experience need to be provided.

3. Submission of Applications

3.1 Applications are to be submitted, by email to (permsec.mivc@gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and a certificate of conduct issued by the Police or an updated Service and Leave Record Form (GP47), which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format.

3.2 The closing date of the receipt of applications is Friday, 8th September, 2023 at 1.30 p.m. (Central European Time). An email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

3.3 Incomplete and/or late applications will not be considered. Applicants who are deemed inelgible in terms of this call will be informed accordingly.

3.4 Applicants are reminded that it is their responsibility to ensure the completeness and correct details of their application, as well as the submission of all required documentation strictly within the deadline of this call.

4. Selection Procedures

4.1 Eligible applicants, will be assessed by a selection board based on a set of selection criteria to determine their suitability for the post.

4.2 All applicants will be duly informed of the outcome of the selection process once the position has been filled.

22nd August, 2023

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles and Boats Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor

dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttieħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sat-Tlieta, 29 ta' Awwissu, 2023, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2555 5446/70/97, mis-7.30 a.m. sa nofsinhar; jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by Tuesday, 29th August, 2023, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2555 5446/70/97, from 7.30 a.m. till noon; or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru. tar-Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Land Rover	Discovery 4	Iswed	SG436844	San Ġiljan
Kia	Proceed	Abjad	DCH295	Santa Venera
Chrysler	300 Limited	Silver	JTQY80	Il-Marsa
Volvo	XC90	Silver	05D45876	Iċ-Ċirkewwa
Ford	Tourneo	Abjad	BU54KAS	In-Naxxar
Fiat	Iveco	Blu	HBH682	Il-Mosta
Audi	A7	Iswed	CB141PJ	Is-Swieqi
Toyota	Avensis	Griż	LCS727	Santa Venera
Peugeot	308	Silver	JLY014	Il-Gżira
Toyota	Starlet	Abjad	MFA090	Il-Mellieħa
Seat	Ibiza	Aħmar	ABV016	Il-Mellieħa
Alfa Romeo	159	Iswed	CT69LEA	Raħal Ġdid
Lancia	Delta	Griż	DT272VM	Tas-Sliema
Peugeot	2008	Abjad	GQZ145	In-Naxxar
BMW	120D M Sport	Abjad	GIO007	Pembroke
Cmoto	XY150XK	Silver	DCP794	In-Naxxar
VW	EOS	Silver	CCF024	In-Naxxar
Honda	Civic	Iswed	GBN659	San Ġiljan
BMW	320D	Iswed	IBO045	Wied il-Għajn
Smart	For four	Griż	FJ809FW	San Ġiljan

L-AWTORITÀ MALTIJA DWAR IL-LOGĦOB

Lista ta' direct contracts mogħtija mill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2023, sat-30 ta' Ġunju, 20203 skont l-Artiklu 111(2) tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03).

Dan id-direct contract għandu jiżdied mal-lista ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,102 tat-18 ta' Awwissu, 2023.

It-22 ta' Awwissu, 2023

MALTA GAMING AUTHORITY

List of direct contracts awarded by the Malta Gaming Authority during the period between 1st January, 2023, and 30th June, 2023, published in terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03).

This direct contract is to be added with the list published in Governemnt Gazette No. 21,102 of 18th August, 2023.

22nd August, 2023

Nru.	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract	Titlu tad-Direct Contract/Suġġett tad-Direct Contract	Data tal-Għotja	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT
No.	*Direct Contract Reference Number*	*Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	*Award Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
31	MGA007773	Procurement System Software Bundle	14/06/2023	Smart Technologies Ltd	7000

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li minn nhar it-Tlieta, 22 ta' Awwissu, 2023 sal-Erbgħa, 23 ta' Awwissu, 2023 sat-8.00 a.m. Triq Caravaggio (mill-kantuniera ta' Triq Stiefnu Zerafa għal kanutniera ta' Triq l-Indipendenza) se tkun magħluqa għat-traffiku kollu.

Nhar is-Sibt, 26 ta' Awwissu, 2023 mit-8.00 a.m. sa nofsillejl Triq l-Isqof Gargallo se tkun magħluqa.

It-22 ta' Awwissu, 2023

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that from Tuesday, 22nd August, 2023 till Wednesday, 23rd August, 2023 at 8.00 a.m. Triq Caravaggio (from the corner of Triq Stiefnu Zerafa to the corner of Triq l-Indipendenza) will be closed to all traffic.

On Saturday, 26th August, 2023 from 8.00 a.m. till midnight Triq l-Isqof Gargallo will be closed.

22nd August, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li ħadd ma jista' jipparkja:

Nhar l-Erbgħa, 23 ta' Awwissu, 2023, mill-4.00 p.m. sas-1.00 a.m., minn Misraħ il-Knisja;

Nhar il-Ħamis, 24 ta' Awwissu, 2023, mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn Misraħ il-Knisja. Triq San Bartilmew se tkun magħluqa għat-traffiku, iżda jistgħu jipparkjaw vetturi mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m.;

Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Awwissu, 2023, mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn Misraħ il-Knisja u Triq San Bartilmew;

Nhar is-Sibt, 26 ta' Awwissu, 2023, mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn Misraħ il-Knisja u Triq San Bartilmew;

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that no parking is allowed:

On Wednesday, 23rd August, 2023, from 4.00 p.m. till 1.00 a.m., through Misraħ il-Knisja;

On Thursday, 24th August, 2023, from 4.00 p.m. till 2.00 a.m., through Misraħ il-Knisja, Triq San Bartilmew will be closed for all traffic but vehicles will be allowed to park from 4.00 p.m. till 2.00 a.m.;

On Friday, 25th August, 2023, from 4.00 p.m. till 2.00 a.m., through Misraħ il-Knisja and Triq San Bartilmew;

On Saturday, 26th August, 2023, from 4.00 p.m. till 2.00 a.m., through Misraħ il-Knisja and Triq San Bartilmew;

Nhar is-Sibt, 26 ta' Awwissu, 2023, mis-6.00 p.m. sas-7.30 p.m., minn misraħ il-knisja, Triq l-Oratorju, Triq San Nikola, Triq San Ġwann u Triq San Bartilmew;

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Awwissu, 2023, mis-7.00 a.m. sa nofsillejl, minn misraħ il-knisja u Triq San Bartilmew;

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Awwissu, 2023, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn misraħ il-knisja, Triq l-Oratorju, Triq Emmanuel Perren, Vjal ir-Repubblika, Triq Stiefnu Zerafa, Triq San Ġwann u Triq San Bartilmew.

Trasport pubbliku mhux se jgħaddi mill-pjazza minn nhar l-Erbgħa sa nhar il-Ħadd.

Fil-ħinijiet u l-ġranet imsemmija dawn it-toroq se jkunu wkoll magħluqa għat-traffiku.

It-22 ta' Awwissu, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li minn nhar il-Ħamis, 29 ta' Awwissu, 2023 sal-Ġimgħa, 29 ta' Settembru, 2023 mid-9.30 a.m. sal-5.00 p.m., Triq l-Indipendenza (mill-kantuniera ta' Triq Caravaggio għal kantuniera ta' Triq Giuseppi Calì) se tkun magħluqa għat-traffiku kollu.

It-22 ta' Awwissu, 2023

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf lill-pubbliku li nhar is-Sibt, 26 ta' Awwissu, 2023, minn nofsinhar sa nofsillejl, ħadd ma jista' jipparkja vetturi u inġenji oħra għajr għal dawk awtorizzati, fl-aħħar parti ta' Triq Pietru Darmenia u l-parkeġġ li hemm biswit Ġnien Pembroke.

It-22 ta' Awwissu, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ jgħarraf li nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Awwissu, 2023 minn nofsinhar sa nofsillejl se jkunu qed jingħalqu Triq Sciortino u parti minn Triq il-Kbira.

Ħadd ma jista' jipparkja f'din it-triq u l-vetturi pparkjati se jkunu rmunkati.

It-22 ta' Awwissu, 2023

On Saturday, 26th August, 2023, from 6.00 p.m. till 7.30 p.m., through parish square, Triq l-Oratorju, Triq San Nikola, Triq San Ġwann and Triq San Bartilmew;

On Sunday, 27th August, 2023, from 7.00 a.m. till midnight, through parish square and Triq San Bartilmew;

On Sunday, 27th August, 2023, from 3.00 p.m. till midnight, through parish square, Triq l-Oratorju, Triq Emmanuel Perren, Vjal ir-Repubblika, Triq Stiefnu Zerafa, Triq San Ġwann and Triq San Bartilmew.

Public transport will not be allowed to pass through the square from Wednesday till Sunday.

On the these mentioned dates and times these streets will also be closed for traffic.

22nd August, 2023

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that from Tuesday, 29th August, 2023 till Friday, 29th September, 2023, from 9.30 a.m. till 5.00 p.m., Triq l-Indipendenza (from the corner of Triq Caravaggio to the corner of Triq Giuseppi Calì) will be closed for traffic.

22nd August, 2023

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Pembroke Local Council notifies the general public that on Saturday, 26th August, 2023, from noon till midnight, no parking except for authorised vehicles will be allowed in the end of Triq Pietru Darmenia and the nearby parking area next to Pembroke Garden.

22nd August, 2023

ĦAŻ-ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħaż-Żebbuġ Local Council notifies that on Friday, 25th August, 2023 from noon till midnight Triq Sciortino and part of Triq il-Kbira will be closed for traffic.

Parking will not be allowed and parked cars will be towed.

22nd August, 2023

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf illi nhar is-Sibt, 26 ta' Awwissu, 2023, mill-5.00 p.m., sas-1.00 a.m. tal-Ħadd, 27 ta' Awwissu, 2023, Triq San Franġisk sa kantuniera ma' Triq it-Torri, il-parti ta' isfel ta' Triq il-Paroċċa, u Triq il-Paċi se jkunu magħluqa għall-vetturi privati u ħadd ma jista' jipparkja fihom.

It-22 ta' Awwissu, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Safi jgħarraf illi nhar il-Ħadd, 24 ta' Settembru, 2023, mis-7.00 a.m. sas-2.30 p.m, ħadd ma jista' jipparkja f'Misraħ il-Knisja u Triq Santa Marija.

It-22 ta' Awwissu, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, it-12 ta' Settembru, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-:

CFT 021-4032/23. Provvista ta' Sodium Thiosulfate Injection

CFT 021-4033/23. Provvista ta' Diazepam 2mg/5mL oral solution

CFT 021-4034/23. Provvista ta' Sodium Bicarbonate 8.4% Infusion

CFT 021-4035/23. Provvista ta' Rosuvastatin 20mg Tablets

CFT 020-4036/23. Provvista ta' Universal Connector for Uretric Catheters

CFT 021-4037/23. Provvista ta' Everolimus 10mg Tablets

CFT 021-4038/23. Provvista ta' Sodium Chloride 0.9% x 500ml Infusion

CFT 009-4039/23. Provvista ta' Emergency/ Operating, Fully Adjustable Bariatric Stretchers

CFT 021-4040/23. Provvista ta' Amlodipine 5mg tablets

CFT 021-4041/23. Provvista ta' Captopril 25mg tablets

CFT 020-4042/23. Provvista ta' Orthopaedic Bone Cementing Preparation System for Knee Surgery

CFT 020-4043/23. Provvista ta' Reagents għal Cytogenetics

CFT 020-4044/23. Provvista ta' Adult Tracheal Tube Guide / Gum Elastic Bougie Introducer

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies the general public that on Saturday, 26th August, 2023, from 5.00 p.m., till 1.00 a.m. of Sunday, 27th August, 2023, Triq San Franġisk with Triq it-Torri, lower part of Triq il-Paroċċa and Triq il-Paċi will be closed for vehicular traffic and parking will not be allowed.

22nd August, 2023

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Ħal Safi Local Council notifies that on Sunday, 24th September, 2023, from 7.00 a.m. till 2.30 p.m., no parking is allowed in Misraħ il-Knisja and Triq Santa Marija.

22nd August, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies) , Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 12th September, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-4032/23. Supply of Sodium Thiosulfate Injection

CFT 021-4033/23. Supply of Diazepam 2mg/5mL oral solution

CFT 021-4034/23. Supply of Sodium Bicarbonate 8.4% Infusion

CFT 021-4035/23. Supply of Rosuvastatin 20mg Tablets

CFT 020-4036/23. Supply of Universal Connector for Uretric Catheters

CFT 021-4037/23. Supply of Everolimus 10mg Tablets

CFT 021-4038/23. Supply of Sodium Chloride 0.9% x 500ml Infusion

CFT 009-4039/23. Provision of Emergency/ Operating, Fully Adjustable Bariatric Stretchers

CFT 021-4040/23. Supply of Amlodipine 5mg tablets

CFT 021-4041/23. Supply of Captopril 25mg tablets

CFT 020-4042/23. Supply of Orthopaedic Bone Cementing Preparation System for Knee Surgery

CFT 020-4043/23. Supply of Reagents for Cytogenetics

CFT 020-4044/23. Supply of Adult Tracheal Tube Guide / Gum Elastic Bougie Introducer

These tender documents are free of charge.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-22 ta' Awwissu, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet għas-sejħa tal-ERU Competitive Call b'referenza ERU Ref. ERU1808U23 għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 24 ta' Awwissu, 2023.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-22 ta' Awwissu, 2023

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA (SEM)

Bejgħ 'Tale Quale' ta' Vettura (Mudell Opel Insignia Limousine NB Saloon)

Referenza: DISPOSAL_FCI762

Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) qiegħda toħroġ għall-bejgħ 'tale quale' vettura tal-mudell Opel Insignia Limousine NB Saloon. Dokument dettaljat jista' jitniżżel minn (https://sem.gov.mt/notices).

Dawk interessati jitfgħu l-offerta tagħhom għandhom jibagħtu proposta magħluqa kif mitlub f'Sezzjoni (1) Paragrafu (8) tad-dokument, immarkata b'mod ċar 'Bejgħ 'Tale Quale' ta' Vettura (Mudell Opel Insignia Limousine NB Saloon) – Referenza: DISPOSAL_FCI762'.

L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċċji ta' SEM, 280, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta VLT 1112, sa mhux iktar tard mill-11.00 a.m. (CEST) tal-Erbgħa, 6 ta' Septembru, 2023.

Offerti mitfugħa tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-22 ta' Awwissu, 2023

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

22nd August, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies tthat submissions for the ERU Competitive Call with reference ERU Ref. ERU1808U23 will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 24th August, 2023.

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

22nd August, 2023

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA (SEM)

Sale 'Tale Quale' of a Vehicle (Model Opel Insignia Limousine NB Saloon)

Reference: DISPOSAL_FCI762

Servizzi Ewropej f'Malta is issuing for sale 'tale quale' a vehicle, model Opel Insignia Limousine NB Saloon. A detailed dossier can be downloaded from (https://sem.gov.mt/notices).

Interested bidders are to submit a sealed proposal as requested in Section (1) Paragraph (8) of the dossier, clearly marked 'Sale 'Tale Quale' of a Vehicle (Model Opel Insignia Limousine NB Saloon) – Reference: DISPOSAL_FCI762'.

Proposals are to be deposited in the tender box located at SEM offices, 280, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 1112, by not later than 11.00 a.m. (CEST) of Wednesday, 6th September, 2023.

Late submissions will not be considered.

22nd August, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1643

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-2 ta' Awwissu, 2023, fuq talba ta' Franco Paul Preca et ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-padruni diretti mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1583/2023 fl-ismijiet Franco Paul Preca et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1583/2023 ta' Franco Paul Preca, spiżjar u miżżewweġ, bin Amadeo Preca u Concetta Preca née Mallia, imwieled Ħ'Attard u joqgħod Tas-Sliema (KI 334368M) u martu Denise Preca, bint Vincent Cremona u Antonia Cremona née Magro, imwielda Ħ'Attard u toqgħod Tas-Sliema (KI 247672M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw il-padruni diretti u s-subdirettarji mhux magħrufa tal-fond numru 61 qable 65, u jismu Fleming Pharamacy, Triq Ħaż-Żabbar, Paola, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-1 ta' Awwissu, 2023, fejn Franco Paul Preca u martu Denise Preca esponew bir-rispett:

Illi b'kuntratt tan-Nutar Dott. Roland John Wadge tat-12 ta' Diċembru, 2003, l-esponenti xtraw l-utile dominju perpetwu tal-fond uffiċjalment immarkat bin-numru 61 qabel 65, li jismu Fleming Pharmacy, bil-bitħa retropposta u bid-drains u d-drenaġġ indipendenti, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm8 ekwivalenti għal €18.63 pagabbli lil sidien mhux magħrufa altrimenti liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha kollha tiegħu, kif aħjar deskritti u indikati fl-att tal-akkwist imsemmi (Dok. A) u fil-pjanta hawn annessa (Dok. B).

Illi l-esponenti ma jafux l-identità tal-padrun dirett illum.

Illi sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà, l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodici Ċivili u jifdu għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi l-istess ċens.

Illi ċ-ċens ta' Lm8 ekwivalenti llum għal €18.63 fis-sena kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €372.60.

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' €372.60 prezz tal-fidi tac-ċens annwu u perpetwu gravanti

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 2nd August, 2023, following a request by Franco Paul Preca et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owners in the acts of the schedule of deposit number 1583/2023 in the names Franco Paul Preca et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1583/2023 in the names of Franco Paul Preca, chemist and married, son of Amadeo Preca and Concetta Preca née Mallia, born in Ħ'Attard and resides in Sliema (ID 334367M) and his wife Denise Preca, daughter of Vincent Cremona and Antonia Cremona née Magro, born in Ħ'Attard and resides in Sliema (ID 247672M) vs deputy curators to represent the unknown direct and sub direct owners of the premises 61 previously 65, named Fleming Pharmacy, in Triq Ħaż-Żabbar, Paola, filed in the First Hall of the Civil Court on the 1st August, 2023, the applicants Franco Paul Preca and his wife Denise Preca respectfully submitted:

That by means of a contract of Notary Dr Roland Nicole Cassar dated 12th December, 2003, the applicants bought the perpetual utile dominium of the premises officially marked with number 61 previously 65 named Fleming Pharmacy, with a backyard and with independent drains and drainages, subject to the annual and perpetual groundrent of Lm 8 equivalent to €18.63, otherwise free and unencumbered and with all its rights and appurtenances, as better described and indicated in the deed of acquisition mentioned (Doc. A) and in the plan hereby attached (Doc. B).

That the applicants do not know the identity of the direct owner today.

That the applicants in order to exempt themselves from all responsibility, the applicants wish to avail themselves of the option given to them by Article 1501 of the Civil Code and redeem for all intents and purposes of law the same groundrent.

That the groundrent of Lm8, equivalent today to €18.63, capitalised at the rate of 5% amounts to €372.60.

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and under its Authority are depositing the sum of €372.60 representing the redemption price of the annual and

l-fond 61 qabel 65, Fleming Pharmacy, Triq Ħaż-Żabbar, Paola, għas-saldu ta' kwalunkwe prezz ta' fidi ta' dan iċ-ċens u liema somma għandha tiġi liberament mogħtija lil min għandu jedd għaliha wara li jħalli d-debita riċevuta għas-saldu.

Esponenti: c/o 162, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta VLT 1455

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Reġistratur tal-Art, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Prim'Imħallef Mark Chetcuti, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 2 ta' Awwissu, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

perpetual groundrent burdening the premises 61 previously 65, Fleming Pharmacy, Triq Ħaż-Żabbar, Paola, for the settlement of any redemption price of this groundrent and which sum shall be freely given to whom it has the right to it after leaving the due receipt for settlement.

Applicants: c/o 162, Triq l-Ifran, Valletta VLT 1455

Notification: Director Public Registry, Valletta
Lands Registrar, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Chief Justice Mark Chectcuti, LLD, Doctor of Laws.

Today 2nd August, 2023

Registry of the Superior Courts, today 18th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1644

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Ġunju, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Anthony Cutajar vs Charles Fenech Jr et, Rikors numru 160/2023JM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Charles Fenech Jr u Samantha Jo Burton a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Anthony Cutajar (KI 0222470M) vs Charles Fenech Jr (KI 595120L) u Samantha Jo Burton (KI 105799M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-27 ta' Marzu, 2023, ir-rikorrenti Anthony Cutajar (KI 0222470M) talab lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

By means of a decree of the 13th June, 2023, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Anthony Cutajar vs Charles Fenech Jr et, Application number 160/2023JM, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Charles Fenech Jr and Samantha Jo Burton in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Anthony Cutajar vs Charles Fenech Jr (ID 595120L) and Samantha Jo Burton (ID 105799M) filed before the Rent Regulation Board, on the 27th March, 2023, the applicant Anthony Cutajar (ID 0222470M) requested this Honourable Board to:

1. Jiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimati huma debituri in solidum tar-rikorrenti fis-somma ta' €4,311.55 rappreżentanti bilanċ ta' kera, kontijiet ta' konsum tal-elettriku u ilma u abbonament għas-servizz ta' internet u televiżjoni;

3. Jikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €4,311.55;

4. Jordna lill-intimati jiżgumbraw mill-fond b'effett immedjat stante li huma se jkunu qed jokkupaw il-fond mingħajr ebda titolu wara l-31 ta' Marzu, 2023, li hi d-data li fiha jiskadi t-terminu tal-kirja.

Bl-ispejjeż u l-imgħax kontra l-intimati li minn issa huma inġunti in subizzjoni.

Rikorrent: Speranza, 2, Triq Fonzu Gauci, Iż-Żurrieq

Intimati Samantha Jo Burton: 54, St Claire, Triq Francesco Buhagiar, Il-Qrendi
Charles Fenech Jr, 54, St Claire, Triq Francesco Buhagiar, Il-Qrendi

Ir-rikors fl-ismijiet Anthony Cutajar vs Charles Fenech Jr et, Rikors numru 160/2023JM jinsab differit għall-20 ta' Settembru, 2023, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Decide this case without proceeding to trial in terms of Article 16A of Cap 69 of the Laws of Malta;

2. To declare and condemn the respondents debtors in solidum of the plaintiff for the amount of €4,311.55 comprising rent, consumption of electricity and water and subscription to internet and television service;

3. To condemn the respondents to pay the plaintiff the sum of €4,311.55.

4. To order the respondents to immediately vacate the tenement which they will be occupying without title as from the 31st March 2023 that day being the expiration of the term of the lease.

With costs and interest against the respondents who are being summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: Speranza, 2, Triq Fonzu Gauci, Żurrieq

Respondents: Samantha Jo Burton, 54 St Claire, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi
Charles Fenech Jr, 54, St Claire, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi

The application in the names Anthony Cutajar vs Charles Fenech Jr et, Application number 160/2023JM has been postponed for hearing to the 20th September, 2023, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 18th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1645

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Mejju, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 362/23, fl-ismijiet is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa vs Bhatti Darek Sunny, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Bhatti Darek Sunny (KI 77114A) ta' 4, Triq Mikiel Anton Vassalli, Il-Ħamrun, fl-1 ta' Frar, 2023, s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Saħħa ta' 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien gimgħa minn din l-ittra, inti tħallas is-somma ta' €1,994.29 rappreżentanti overpayment magħmul mill-Isptar Mater Dei. Kull pagament għandu jiġi indirizzat lil Cashier Malta Government, Ministry for Health, u mibgħut/meħud fid-Dipartment tal-Finanzi fl-Isptar Mater Dei.

By means of a decree given on the 31st May, 2023, in the records of the judicial letter number 362/2023, in the names Permanent Secretary in the Ministry for Health vs Bhatti Darek Sunny, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service on the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Bhatti Darek Sunny (ID 77114A) of 4, Triq Mikiel Anton Vassalli, Ħamrun, on the 1st February, 2023, thePermanent Secretary of the Ministry for Health of 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, solicits you so that within one week from this letter you pay the amount of €1,994.29 representing overpayment done from Mater Dei Hospital. Any payment has to be addressed to the Cashier Malta Government, Ministry for Health, and sent/taken in the Finance Department of Mater Dei Hospital.

Fin-nuqqas il-mittenti se jipproċedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr avviż ieħor bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat lilek ai termini tal-artikoli relattivi tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti sal-eventwali ħlas.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In default the interpellant shall proceed furtherly against you without further notice with the issuance of the opportune warrants according to law.

This letter is sent to you in terms of articles relative to the Civil Code (Cap. 16) of the Laws of Malta.

So much for your own guidance

With interest and costs of this present till the effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 18th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1646

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Frar, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1754/2022, fl-ismijiet United Acceptances Finance Limited vs Belal Said Mohamed Osman El Sherif, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Belal Said Mohamed Osman Elsherif (KI 70858A) proprio et nomine ta' 40, Flt 3, Triq San Franġisk, Tas-Sliema, Achraf Garboa (KI 356781M) u Door 2Door Ltd (C96271), fl-14 ta' Lulju 2022, United Acceptances Finance Ltd (C360) ta' Mizzi House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, tirreferi għal għaxar (10) kambjali mill-kont bin-numru 0306320711, minnkom debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma ħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati bin-numri 9 sa 18.

Il-mittenti qiegħda tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' €450 import tal-kambjali fuq imsemmija, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjetà mittenti qed tinfurmakom illi se tipproċedi ulterjorment kontra tagħkom skont il-liġi mingħajr preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż ulterjuri.

Intom avżati li għandkom id-dritt li topponu għall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum minn notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

By means of a decree of the 2nd February, 2023, in the records of the judicial letter number 1754/2022, in the names United Acceptances Finance Ltd vs Belal Said Mohamed Osman El Sherif et, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Belal Said Mohamed Osman Elsherif (ID 70858A) proprio et nomine of 40, Flt 3, Triq San Franġisk, Tas-Sliema, Achraf Garboa (ID 356781M) and Door 2Door Ltd (C96271), on the 14th July 2022, United Acceptances Finance Ltd (C360) of Mizzi House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, refers to ten (10) bills of exchange from the account number 0306320711 signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but were not paid for, copies of this bill of exchange are annexed and marked numbers 9 to 18.

The interpellant calls upon so that within two days you pay the sum of €450 value of bills of exchange above mentioned, besides legal interest from the date due till the effective payment.

In default of payment the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourself.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Cap. 12 of the Laws of Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali esegwibli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1647

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Jannar, 2023, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4690/2022, fl-ismijiet Isabella Grixti vs Alessandro sive Alex Mercieca, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Alessandro sive Alex Mercieca a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 4 ta' Novembru, 2022

Lil Alessandro sive Alex Mercieca (KI 0085363M) ta' 4 Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

